Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija
[Spettur Joseph Mercieca]

vs

Tony Armando Zahra
Tracey Borg

Kumpilazzjoni Numru: 248/17

Illum, 26 ta' Lulju, 2021

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Tony Armando Zahra detentur tal-karta tal-identita` numru 72688M u kontra Tracey Borg detentrici tal-karta tal-identita` numru 417574M akkuzati talli nhar it-13 ta'

Novembru 2015 ghall-habta ta' l-4a.m., fi Triq Testaferrata, Ta' Xbiex:

1. ikkommettew serq ta' flus kontanti w oggetti ohra, kemm minn fuq il-persuna ta' Alberto Spigolon u kemm minn vettura tal-marka Kia Ceed, numru ta' registrazzjoni CQZ747, li l-istess Alberto Spigolon kien qed isuq, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija w disgha u ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-dannu ta' l-istess Alberto Spigolon u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;
2. bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita` kompetetni, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Alberto Spigolon kontra l-volonta` tieghu; liema persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata giet offiza fuq il-persuna taghha u l-istess delitt sar bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra;

**Lil Tony Armando Zahra wahdu, akkuzat ukoll talli:**

3. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' l-istess Alberto Spigolon ai termini ta' l-Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Lil Tracey Borg wahedha, akkuzata wkoll talli:**

4. Ikkommettiet l-imsemmija reati lilha addebitati li ghalihom hemm kontemplat piena ta' prigunerija, fil-perjodu operattiv ta' zewg sentenzi definittivi ta' liberazzjoni kundizzjonata ai termini ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, imposti fuqha b'zewg sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), magistrat Dr. Natasha Galea Sciberras LL.D., datati 2 ta' Dicembru, 2014 u 3 ta' Marzu, 2015;

**Lil Tony Armando Zahra u lil Tracey Borg, flimkien, akkuzati talli:**

5. irrendew irwiehom recedivi ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u, fil-kaz ta' Tony Armando Zahra wahdu, ai termini ta' l-Artikolu 289 ukoll, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi definittivi mill-Qrati ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sbatax (17) ta' Jannar elfejn u ghoxrin (2020) fejn qal li tista' tinstab htija jew htijiet taht is-segwenti Artikoli:

Fil-konfront ta' Tony Armando Zahra u Tracey Borg:

1) Fl-artikoli 261(a), 261(c), 261(f), 261(g), 262, 267, 270, 271(g), 274(c), 275, 277(a), 279(a), 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2) Fl-artikoli 86, 87(1)(c) u 87(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
3) Fl-artikoli 17, 31, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-konfront ta' Tony Armando Zahra:

4) Fl-artikoli 214, 214 u 221(1)[1] tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5) Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-konfront ta' Tracey Borg:

[1] Kif kien qabel l-emendi introdotti permezz tal-Att XIII tal-2018, tal-Att XXXII tal-2018.

6) Fl-artikoli 22 u 23 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
7) Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputati fejn huma wiegbu mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom;

Rat il-fedini penali tal-imputati li huma refrattarji;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti u l-istqarrijiet tal-imputati fejn innegaw dak li gie allegat mill-Ispettur;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq allegat serqa mill-persuna ta' Alberto Spigolon li huwa ta' nazzjonalita` Taljana fejn gie derubat waqt li kien qed isuq vettura tal-kiri fejn gie wkoll ferut.

Illi xehed **Stephen Cachia** in rapprezentanza ta' Transport Malta fejn esebixxa Dok. SC1li juri li l-vettura CQZ747 (Kia Ceed griza) hija registrata fuq Simon Gatt Baldacchino ghan-nom ta' United Garage Limited.

Xehdet **Marisa Gauci** in rapprezentanza ta' Vodafone li esebiet Dok. MG1 li kkonfermat li n-numru li giet mitluba ticcekkja dwaru jappartjeni lil Tony Armando Zahra.

Xehdet **WPS 215 Valerie Mifsud** li qalet li waqt li kienu *duty* kienu waqfu lil certu Alberto Spigolon, ta' nazzjonalita` Taljana, li kien qalilhom li kien ghadu kif gie aggredit u misruq minn mara u ragel. Peress li l-incident kien ghadu kif gara marru mat-Taljan fuq il-post u sabu l-gakketta tieghu pero` l-*wallet* tieghu ma nstabx. Kien qalilhom li fil-*wallet* kellu *credit cards* u elf ewro. Ix-xhud esebiet rapport li gie mmarkat bhala Dok. VM1.

Xehed l-**Ispettur Joseph Mercieca** fejn spjega li nhar it-13 ta' Novembru 2015 certu Alberto Spigolon irrapporta lill-Pulizija tad-Distrett mill-Ghassa tas-Sliema fejn iltaqa' ma' WPS215 x'imkien Tigne' Point. Huwa kien qed isuq vettura tal-kiri bin-numru ta' registrazzjoni CQZ 747 fejn qal li kien sejjer lura l-lukanda (Europa Hotel gewwa Triq it-Torri tas-Sliema) fejn gie mwaqqaf minn mara li harget f'nofs it-triq u f'daqqa wahda gie ragel li aggredih u hadlu l-flus u d-dokumenti li kellu fuqu. Il-vittma kien sejjer lura l-Italja fimkien mat-tfajla tieghu dakinhar stess li gie aggredit. Kien qal li

din il-mara ghamlitlu sinjal biex jieqaf u fethitlu l-bieba tal-passiggier u bdiet tkellmu x'aktarx bil-Malti u waqt li kien qed jipprova jifhem x'inhi tghid gie ragel li fetahlu l-bieba tieghu, qabdu mill-qmis, hargu mill-vettura vjolentement u beda jtih daqqiet fuq wiccu u partijiet ohra ta' gismu. It-Taljan spicca mal-art u r-ragel kompla jtih bis-sieq. L-istess ragel spicca hadlu erba' mitt ewro mill-but u hames mija u sebghin ewro mill-gakketta fi flus kontanti. Skont il-vittma dawn il-flus kien rebahhom f'*poker tournament* gewwa l-Portomaso. Di fatti huwa kien gej mill-Hilton sejjer lura lejn il-lukanda. Skont l-Ispettur id-deskrizzjoni li ta l-vittma kienet taqbel kwazi perfettament mal-imputati u di fatti qabel mal-vittma telaq is-Surgent urieh xi ritratti fejn il-vittma indika lil Tracey Borg bhala l-persuna li waqfitu u lil Tony Armando Zahra bhala l-persuna li kien aggredih. L-Ispettur esebixxa *letter of request* u anki r-ritratti li kien ghamel huwa stess fl-ufficcju tieghu li huma l-istess ritratti li kkonferma l-vittma qabel ma telaq minn Malta. L-Ispettur esebixxa wkoll sentenza (Dok. JM10) fejn Tracey Borg fil-15 ta' Mejju 2003 giet ikkundannata mill-Qorti ta' l-Appell ghal erba' snin u tlett xhur prigunerija u multa ta' Lm3,000. Giet esebita wkoll sentenza kontra Tony Armando Zahra (Dok. JM11) fejn il-Qorti tal-Appell ikkonfermat il-piena imposta

mill-Ewwel Qorti u cioe` erba' snin u nofs prigunerija u multa ta' Lm400. L-Ispettur esebixxa wkoll Dok. JM12 li hija sentenza ohra li nghatat kontra Anthony Zahra f'Dicembru 1997. Gew esebiti iktar sentenzi kontra Tracey Borg li gew immarkati bhala Dok. JMX u Dok. JMY.

Xehed **PS180 Fabian Aquilina** li qal li kien mar l-Ambaxxata Taljana peress li l-vittma kellu bzonn jigbor xi dokumenti biex ikun jista' jmur lura lejn l-Italja. Hemmhekk urieh xi ritratti fejn it-Taljan gharaf l-imputati minghajr ebda ombra ta' dubju. Zied jghid li l-vittma ma marx ghand tabib pero` seta' jara xi brix.

Xehed **Mario Cordina** in rapprezentanza ta' Vodafone li qal li l-*localization* kien x'imkien lejn il-Gzira.

Xehed **Alberto Spigolon** bis-sistema ta' *video conference* li spjega li kienu t-tlieta u nofs ta' filghodu u kien xi hames mitt metru 'l boghod mill-Casino. Qal li waqaf mas-*stop sign* u din il-mara staqsietu ghall-passagg. Ma setax jiftakar jekk kellmitux bl-Ingliz jew bit-Taljan u meta telghet fil-karrozza lanqas kienu ghaddew hames sekondi u xi hadd fetah il-bieba tieghu u tah daqqa go

wiccu b'xi oggett u beda jara iswed biss. Dak il-hin fittxewlu fil-but tal-qalziet u fil-glekk fejn qal li kellu cirka elf ewro jew tmien mitt ewro fi flus kontanti. Dan kollu gara fi ftit sekondi fejn imbaghad dawn il-persuni telqu jghagglu hafna mentri x-xhud kien stordut. Wara beda jfittex karozza tal-Pulizija biex jirrapporta dak li gara imbaghad wasal hdejn ghassa tal-Pulizija fejn irrakkonta kollox. L-ghada kellu jaqbad l-ajruplan biex imur lura l-Italja izda kellu jmur l-Ambaxxata peress li kienu hadulu xi dokumenti u anki l-gakketta. Spjega li waqt li kien l-Ambaxxata wasal ufficjal tal-Pulizija li wrieh certu ritratti fejn qal li disghin fil-mija kienu jixbhu lil dawn iz-zewg persuni. Qal li d-data kienet 13 ta' Novembru 2015 u kien gej mill-Casino peress li kien hemm *tournament* tal-poker u kien sejjer lura l-lukanda fejn kien qed isuq ma' genb il-bahar. Huwa qal li ma jafx min tah daqqa u jekk kienx mara jew ragel. Ix-xhud gie muri l-awla kollha izda qal li ma kien qed jaghraf lil hadd mija fil-mija ghaliex kienu ghaddew erba' snin. Huwa gie muri wkoll ir-ritratti mill-gdid izda qal li mhuwiex cert jekk forsi n-numru hamsa jixbah lill-aggressur. Baqa' jghid pero` li mhuwiex cert. Meta hares lejn ir-ritratti tan-nisa qal li ma kien qed jaghraf lil hadd.

In kontroezami l-istess Alberto Spigolon qal li l-Casino kien ezatt hdejn torri u huwa telaq minn hemm cirka fit-tlieta u nofs, l-erbgha ta' filghodu. Qal ukoll li huwa waqaf bil-karozza ghaliex kien f'salib it-toroq u kien hemmhekk li din il-mara staqsietu ghall-passagg u telghet fil-vettura tieghu. Qal li ma marx jara tabib ghaliex ma kellux ksur.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti tinnota li l-parte civile f'dawn il-proceduri, u cioe` Alberto Spigolon, m'gharafx lill-imputati fl-awla u lanqas fuq ir-ritratti li nghatawlu mill-Ispettur. Ghaldaqstant il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li l-prova regina f'dawn il-proceduri hija mankanti u dana ghaliex ma hemm u ma ngabet l-ebda prova mill-Prosekuzzjoni dwar l-identita` tal-imputati.

Illi fid-dawl ta' dan il-Qorti ser tqis il-provi cirkostanzjali li gew prodotti mill-Prosekuzzjoni in sostenn tal-kaz taghhom.

Il-Qrati nostrani kellhom ic-cans li jiddibattu l-kwistjoni tal-prova cirkostanzjali f'numru ta' decizjonijiet.

Fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Abdellah Berrad et** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-dsatax (19) ta' Mejju elfejn u erbatax (2014) intqal li:

> *"Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika".*

Illi huwa risaput illi bi provi cirkostanzjali wehidhom, f'certi kazijiet, jista' jkun hemm htija. Fil-kaz odjern pero` ma kien hemm hadd fil-vicinanzi ta' fejn gara l-incident u ghalhekk ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni ma kinux xhieda okulari izda dak li qalu fuq il-pedana tax-xhieda kien jikkonsisti biss f'*detto del detto.*

Bhala stat ta' fatt ma hemmx provi dwar id-dinamika tal-incident. Il-vittma lanqas biss kien jaf jekk il-persuna li aggredietu kinitx mara jew ragel.

Illi l-gudikant ghandu jkollu s-serhan tal-mohh li anke jekk ikollu prova cirkostanzjali wahda, dina ghandha tkun bizzejjed sabiex

ikollu l-konvinzjoni morali u legali li kollox jindika li l-imputati kkommettew dak id-delitt.

Wara li l-Qorti ezaminat l-evidenza kollha migjuba fil-proceduri odjerni tqis li l-provi cirkostanzjali prodotti mill-Prosekuzzjoni m'ghandhom l-ebda valur probatorju u ghalhekk l-istess provi ma jwasslux lill-gudikant biex ikun moralment konvint lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta` tal-imputati.

Illi minkejja li gew prodotti provi cirkostanzjali mill-Ufficjal Prosekutur ghandu jinghad illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha oltre d-dubju dettat mil-ligi.

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjoni addebitat fil-konfront tal-imputati treggi legalment u dan ghaliex kif jghid <u>Manzini</u> fil-ktieb tieghu <u>Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890)</u>:

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat fil-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi ppruvata oltre kull dubju ragjonevoli, cioe` oltre kull dubju dettat mir-raguni. Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** fejn inghad li mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat mhux hati, izda hemm bzonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*. Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372*** fejn inghad illi:

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Fil-kaz odjern ma tressqet l-ebda prova li tikkonvinci lill-Qorti oltre kull dubju dettat mir-raguni u ghalhekk ma tistax issib htija.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputati Tony Armando Zahra u Tracey Borg hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom u tilliberahom minnhom.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**